Fqar u għonja, qaddejja u mexxejja, rsiera u slaten, maħkuma u ħakkiema......

Nies......

Miġbura, mifruda, mibluha, mikduda, minfuħa, misbuka, ħelsin, imxekklin, fellħanin, għajjenin......

Nies nies nies!...... Ta' kull sura u kull għamla, kull ġens kull lewn... kull qabil... Ta' kull xorta, kull qagħda, kull ġidd u kull lewn... Ta' kull din u twemmin...

Ħaddieda, kittieba, qaddiefa, nissieġa, naġġara, ħassiela u bdiewa u tobba u għorrief, qassisin, ħajjatin, baħħarin, għaddejjin, għaddejjin, għaddejjin, għaddejjin, għaddejjin......

Dawl qawwi li dejjem jiżdied ta' xmux u ta' oqmra u ta' kwiekeb fis-sema fil-baħar u fl-art imwaħħdin...... mill-ġdid imwaħħdin bħal fil-bidu ta' kollox......

Jingħaqad id-diwi tat-trombi f'ħoss wieħed bla hedu fil-bgħid u fil-qrib, max-xellug, mal-lemin, minn fuq u minn taħt, minn quddiem u minn wara... Leħen wieħed... leħen wieħed... leħen wieħed!

Jingħaqad l-għajat u jitwaħħad f'kull xorta ta' lfiq u ta' biki ta' krib u twerżiq, ta' daħk mingħajr jies... Hoss wieħed imħallat li għandu minn kollha, li m'hu l-ebda wieħed, imkarkar maħtuf jew miksur... Leħen wieħed... leħen wieħed... leħen wieħed!

Raddiena ta' rjus qed imewġu, tixjir ta' l-idejn imgħollija, ma' xulxin, ħdejn xulxin, fuq xulxin, taħt xulxin; weqfin u mqanqlin bħal baħar imqalleb bla ħniena bla serħ u bla sliema, raddiena raddiena raddiena......

Twaħħida ta' kollox!
Hoss wieħed, dawl wieħed, għan wieħed.
U waqfa ta' f'daqqa ta' kollox f'waqt wieħed.
Leħen wieħed minn ħsieb wieħed ta' ġens wieħed.
Amar wieħed fuq ħolqien wieħed għal ħaqq wieħed.
Ġrajja waħda, ta' l-aħħar, għal dejjem, fuq kollox.
Waqfa ta' f'daqqa ta' kollox għal waqt wieħed.
U LEĦEN .....

Leħen li jamar, leħen ta' qies u ta' ħaqq, ta' missier u ta' mħallef......

Leħen li jċanfar u jfaħħar, li jwaħħax u jwennes, li jbekket u jiġżi, li jtarraf il-ġrajja tal-bniedem mill-bidu sat-tmiem.



Leħen ħanin u qalil, leħen għoli jew kiebi jew sieber jew dewwi kif jixraq, kif xeraq, mill-bidu sat-tmiem.

Leħen li jwaħħad il-ġrajja tal-bniedem mill-bidu sat-tmiem, ġrajja waħda, għamil wieħed, ħaqq wieħed......

U l-LEĦEN itemm......

Titqanqal mill-ġdid dik il-mewġa ta' rjus u ta' idejn......

U kollha jinfirdu f'żewġ sriebet, mifruqa, magħżula għal dejjem... Fid-dawl jew fid-dlam, f'lemin jew f'xellug, min f'telgħa min f'niżla; min f'għanja ta' sliem u ta' hena li titla' li titla' li titla'...... min f'karba ta' ħarb u ta' dagħa li tinżel li tinżel li tinżel......

U mill-ġdid daqq ta' trombi u għajat......

U mill-ġdid dak ir-riefnu li jtajjar u jkaxkar li jbattal u jgorr......

Il-firda ta' l-aħħar dejjiema.....

Il-għaqda ta' l-aħħar dejjiema......

U t-trombi u l-għajat jitbiegħdu u jonqsu, jitbiegħdu u jonqsu, jitbiegħdu u jonqsu... jitgħakksu... jintemmu... jintilfu fixxejn!

U kollox mill-ġdid jisfa' sielem......

Għal dejjem għal dejjem għal dejjem......

18-1-43.

---

## L-IMDINA

*Ta'* R. BRIFFA

Kont l-isbaħ fost is-sbieħ, Omm l-Ibliet tagħna,
Tal-Malti l-għaxqa, l-għira tal-barrani;
Waħdek fil-għoli, bħalek ħadd setgħana,
Imħarsa mid-Dell għaqli tal-Warrani.

Mgħobbija b'elf salib kienu serħana,
Iħossu ruħhom biss il-fqir u l-għani
X'ħin lilhom tħaddan bid-dirgħajn felħana
U ttihom wens mill-qilla, mill-Furbani.

Il-lum inżajt mil-leħħa ta' xbubitek
U tfittex biss il-hena tal-mistrieħ;
'Ma sbejħa fost is-sbieħ sa fi xjuħitek!

Insiet in-nies tal-lum, ma nsewx l-erwieħ
Ta' dari. L-għanja sbejħa ta' tfulitek
Għadha tissamma' ma' tul l-erba' rjieħ.